# KULLEĠĠ TAL-KAPPILLANI

## DJOĊESI TA' GĦAWDEX

**Stqarrija tal-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Għawdex**

## L-organizzazzjoni tal-Festa Parrokkjali

Il-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Għawdex, f'isem il-komunitajiet Insara li tagħhom il-Kappillani huma ragħajja, jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għal dawk kollha li taw u qed jagħtu l-kontribut tagħhom biex il-festi parrokkjali ċċelebrati mill-komunitajiet Insara jkunu sinjal ġenwin tar-reliġjon u l-fidi Nisranija tagħna.

Il-Kappillani, li f'isem il-komunitajiet parrokkjali huma responsabbli ewlenin mill-organizzazzjoni kollha tal-festi patronali, huma konxji tan-numru kbir ta' lajċi Nsara li jikkontribwixxu b'diversi modi biex il-festa tkun ta' glorja lil Alla, isservi għat-tqaddis tal-poplu Nisrani, tkattar il-komunjoni fost il-komunitajiet tagħna, filwaqt li ssebbaħ u tagħni l-wirt reliġjuż, storiku u kulturali tal-gżira tagħna.

Il-Kappillani qed iġeddu l-impenn tagħhom biex il-festi patronali jibqgħu jiġu ċċelebrati b'mod dejjem ġdid fid-dawl tad-dokumenti tat-Tieni Sinodu ta' Għawdex u tad-direttivi eżistenti li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-festi patronali.

Jiġi affermat mill-ġdid li hu prinċipju tad-Djoċesi Għawdxija li l-organizzazzjoni u kull kordinament marbut mal-festi jaqa' fir-responsabbiltà tal-Kappillan u l-Kumitat maħtur minnu.

Din l-istqarrija ġiet approvata mill-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Għawdex, fil-preżenza ta' Mons. Isqof Mario Grech, waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani, illum, l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013.

Arċipriet Tarcisio Camilleri
Segretarju